

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' l-4 ta' settembru 2002**

**li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja lil karta għall-ikkuppjar u karta grafika u li temenda d-Deċiżjoni 1999/554/KE**

*(innotifikata taħt id-dokument numru C(2002) 3294)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2002/741/KE)**

**(ĠU L 237, 5.9.2002, p. 6)**

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/457/KE tal-21 ta' Ġunju 2007	L 173	29	3.7.2007
► <b><u>M2</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1288/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008	L 340	115	19.12.2008



## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' settembru 2002

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja lil karta għall-ikkuppjar u karta grafika u li temenda d-Deċiżjoni 1999/554/KE

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2002) 3294)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/741/KE)

IL- KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Taħt ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 l-eko-tikketta tal-Komunità tista' tingħata lil prodott li għandu karatteristiċi li jippermettulu li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal titjib in konnessjoni ma' aspetti ambjentali importanti.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li kriterji speċifiċi dwar l-eko-tikketta għandhom ikunu stabbiliti skond il-gruppi ta' prodott.
- (3) Huwa jipprovdi wkoll li r-reviżjoni tal-kriterji ta' l-eko-tikketta, kif ukoll tar-rekwiżiti ta' stima u verifikazzjoni konnessi mal-kriterji, għandha ssir fiż-żmien dovut qabel tmiem il-perjodu ta' validità tal-kriterji speċifikati għal kull grupp ta' prodott. Riżultat ta' dik ir-reviżjoni għandu jkun proposta għal titwil, irtirar jew reviżjoni.
- (4) Huwa xieraq li jkunu riveduti l-kriterji ekoloġiċi li kienu stabbiliti b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/554/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li jstabbilixxu l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja ta' l-eko-tikketta tal-Komunità lil karta għall-ikkuppjar <sup>(2)</sup> biex jirriflettu l-iżviluppi fis-suq. Fl-istess ħin, id-definizzjoni tal-grupp ta' prodott għandha tkun immodifikata (tinbidel) biex tinkludi karta grafika.
- (5) Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġdida għandha tkun addottata li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi speċifiċi għal dan il-grupp ta' prodott, li jkunu validi għal perjodu ta' ħames snin.
- (6) Huwa xieraq li, għal perjodu limitat ta' mhux iktar minn 12-il xahar, kemm il-kriterji l-ġodda stabbiliti b'din id-Deċiżjoni u kemm il-kriterji stabbiliti bid-Deċiżjoni 1999/554/KE għandhom ikunu validi fl-istess żmien, biex jippermettu żmien suffiċjenti għal kumpaniji li ngħataw jew li applikaw għall-għotja ta' l-eko-tikketta għall-prodotti tagħhom qabel id-data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li jaddattaw daww il-prodotti biex jikkonformaw mal-kriterji l-ġodda.
- (7) Il-miżuri li din id-Deċiżjoni ttiprovdi għalihom huma bbażati fuq l-abbozz ta' kriterji żviluppati mill-Bord ta' l-Unjonu Ewropea dwar l-Eko-Tikkettjar stabbilit taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000.

<sup>(1)</sup> ĠU L 237, tal-21.09.00, pġ. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 210, ta' l-10.08.99, pġ. 16.

**▼B**

- (8) Il-miżuri li din id-Deċiżjoni tipprovdi għalihom huma skond l-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Biex tingħata l-eko-ticketta tal-Komunità taħt ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, karta għandha taqa' ġol-grupp ta' prodott "karta għall-ikkuppjar u karta grafika" kif iddefinit fl-Artikolu 2, u għandha tikkonforma mal-kriterji ekoloġiċi ddikjarati fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-grupp ta' prodott "karta għall-ikkuppjar u karta grafika" għandu jikkompreni folji jew rollijiet ta' karta mhix stampata li jintużaw għall-istampar jew ikkuppjar jew kitba jew disinn.
2. Karta ta' gazzetti, karta termikament sensittiva u karta mingħajr karbonju mhumiex inklużi fil-grupp ta' prodott.

*Artikolu 3*

Għal għanijiet amministrattivi in-numru tal-kodiċi mogħti lill-grupp ta' prodott "karta għall-ikkuppjar u karta grafika" għandu jkun "011".

*Artikolu 4*

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/554/KE huwa ssostitwit b'li ġej:

*"Artikolu 3*

Id-definizzjoni tal-grupp ta' prodott u l-kriterji ekoloġiċi speċifiċi għall-grupp ta' prodott għandhom ikunu validi sal-31 ta' Awissu 2003."

**▼M2***Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'karta għall-ikkuppjar u karta grafika', kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Mejju 2010.

**▼B***Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.



## ANNEX

## QAFAS

**L-għanijiet tal-kriterji**

Dawn il-kriterji jimmiraw b'mod partikolari għal:

- it-tnaqqis ta' tfigħ filmijiet ta' sustanzi tossiċi jew ewtrofiċi,
- it-tnaqqis ta' ħsara jew riskji ambjentali konnessi ma' l-użu ta' enerġija (sħana globali, aċidifikazzjoni, tnaqqis ta' ożonu, tnaqqis ta' riżorsi li ma jiggèddux) billi jitnaqqsu l-konsum ta' enerġija u emissjonijiet fl-arja konnessi magħha,
- it-tnaqqis ta' ħsara jew riskji ambjentali konnessi ma' l-użu ta' kimiċi perikolużi,
- l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' mmaneġġjar sostenibbli għall-protezzjoni ta' foresti.

Il-kriterji huma stabbiliti f'livelli li jipromwovu l-ittikkettjar ta' karta għall-ikkuppjar u karta grafika li għandhom impatt ambjentali iktar baxx.

**Rekwiżiti għal stima u verifikazzjoni**

Ir-rekwiżiti speċifiċi għal stima u verifikazzjoni huma indikati ġo kull kriterju.

Fejn l-applikant huwa rikjest jagħti dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analisi, rapportijiet ta' testijiet, jew evidenza oħra biex juri konformità mal-kriterji, huwa mifhum li dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew il-fornitur(i) tiegħu u/jew il-fornitur(i) tagħhom, eċċ., kif xieraq.

Fejn xieraq, metodi ta' testijiet barra minn daww indikati għal kull kriterju jistgħu jintużaw jekk l-ekwivalenza tagħhom hija aċċettata mill-korp kompetenti li jistima (jeżamina) l-applikazzjoni.

Fejn possibbli, ittestjar għandu jsir minn laboratorji akkreditati kif xieraq li jissodisfaw ir-rekwiżiti kompressivi espressi fl-istandard EN ISO 17025.

Fejn xieraq, korpi kompetenti jistgħu jeżiġu dokumentazzjoni ta' sostenn u jistgħu jagħmlu verifiki indipendenti.

Huwa rakkomandat li jqisu l-implimentazzjoni ta' skemi kkonossuti ta' mmaneġġjar ambjentali, bħal EMAS jew ISO 14001, meta jistmaw (jeżaminaw) il-konformita ta' applikazzjonijiet u mmonitorjar mal-kriterji: (Nota: Mhuwiex rikjest li skemi ta' mmaneġġjar bħal dawn (tali) ikunu implimentati).

**KRITERJI****1. Emissjonijiet fl-ilma u arja**

- (a) **COD, Kubrit (S), NOx:** Għal kull parametru, l-emissjonijiet fl-arja u/jew ilma mill-polpa jew il-produzzjoni tal-karta għandha tkun espressa f'termini ta' punti (PCOD, PS, PNOx) kif dettaljat hawn iktar 'l isfel.

Ebda mill-punti individwali PCOD, PS, jew PNOx m'għandu jkun ta' iktar minn 1,5.

In-numru totali ta' punti ( $P_{total} = PCOD + PS + PNOx$ ) m'għandux ikun ta' iktar minn 3,0.

Il-kalkolu ta' PCOD għandu jsir kif ġej (il-kalkoli ta' PS u PNOx għandhom isiru eżattament fl-istess manjiera).

Kalkolu għal produzzjoni tal-polpa: Għal kull polpa użata, l-emissjonijiet COD konnessi (CODpolpa, espressa f'kg/tunnellata metrika ta' arja niexfa - ADT), għandha tkun diviża bil-valur ta' referenza għal dak it-tip ta' polpa (referenzaCOD, polpa) mogħti fit-tabella hawn iktar 'l isfel. Dawn il-kwozjenti għandhom ikunu peżati skond il-proporzjoni ta' kull polpa wżata (pi fir-rigward ta' karta mniddija), u magħduda flimkien biex jagħtu n-numru ta' punti għall-produzzjoni ta' polpa (PCOD, polpa). Għalhekk:

$$\text{COD, polpa} = (pi \times \text{CODpolpa} / \text{CODreferenza, polpa})$$

Kalkolu għall-produzzjoni ta' karta: In-numru ta' punti għall-produzzjoni ta' karta (PCOD, karta) għandu jkun ikkalkolat billi jkun diviżi l-emissjonijiet konnessi COD (CODkarta) bil-valur ta' referenza għal karta (CODreferenza, karta) mogħti fit-tabella hawn iktar 'l isfel. Għalhekk:

## ▼B

PCOD, karta= CODkarta/CODreferenza, karta

Kalkolu komplessiv ta' punti PCOD: Valur komplessiv ta' referenza għal polpa peżat fuq il-polpi differenti użati (CODpeżat referenza, polpa) għandu jkun ikkalkolat:

CODpeżat referenza, polpa=  $\frac{>ISO_7> \times (>ISO_1> \times \text{CODreferenza, polpa})}{>ISO_7>}$

Fl-aħħar, il-punti għal produzzjoni ta' polpa u karta għandhom jingħaqdu biex jagħtu n-numru komplessiv ta' punti (PCOD) kif ġej:

PCOD=  $\frac{\text{PCOD, polpa} \times \text{CODpeżat referenza, polpa}}{\text{CODpeżat referenza, polpa} + \text{CODreferenza, karta}} + \frac{\text{PCOD, karta} \times \text{CODreferenza, karta}}{\text{CODpeżat referenza, polpa} + \text{CODreferenza, karta}}$

Tabella ta' valuri ta' referenza għal emissjonijiet minn tipi differenti ta' polpa u minn produzzjoni ta' polpa

Grad ta' polpa/karta	Emissjonijiet (kg/ADT)		
	CODreferenza	Sreferenza	NO referenz
Polpa kimika (kraft u l-oħrajn kollha ħlief sulfit)	18,0	0,6	1,6
Polpa kimika (sulfit)	25,0	0,6	1,6
CTMP	15,0	0,2	0,3
TMP/polpa ta' njam mitħun	3,0	0,2	0,3
Fibra ta' polpa rriċiklata	2,0	0,2	0,3
Karta (fabbriki mhux integrati fejn il-polpi kollha jinbiegħu polpi tas-suq)	1,0	0,3	0,8
Karta (fabbriki oħra)	1,0	0,3	0,7

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti kalkoli dettaljati li juru konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn konness li għandha tinkludi rapporti ta' testijiet li jużaw il-metodi ta' test li ġejjin: COD: ISO 6060; NOx: ISO 11564; S(oxid.): EPA nru.8; S(red.): EPA no 16A; S kontenut ta' żejt: ISO 8754:1995; S kontenut ta' faħam: ISO 351.

Id-dokumentazzjoni ta' sostenn għandha tinkludi indikazzjoni tal-frekwenza tal-kejl u l-kalkolu tal-punti għal COD, S u NOx. Hija għandha tinkludi l-emissjonijiet kollha ta' S u NOx li jiġru matul il-produzzjoni ta' polpa u karta, inkluż fwar iġġenerat barra l-post tal-produzzjoni, ħlief dawk l-emissjonijiet konnessi mal-produzzjoni ta' elettriċità. Kejljiet (Qisien) għandhom jinkludu bajli ta' rkupru, kalkari tal-gir, bajli tal-fwar u fran għal qerda ta' gassijiet jintnu ħafna. Emissjonijiet diffużi (li jixterru) għandhom jiqiesu. Valuri ta' emissjonijiet irrapportati għal S fl-arja għandhom jinkludu kemm emissjonijiet ossidizzati u kemm imnaqqsa ta' S (sulfid ta' dimetil, merkaptan ta' metil, sulfid ta' idroġenu u simili). L-emissjonijiet S konnessi mal-ġenerazzjoni ta' enerġija bi sħana taż-żejt, faħam u karburanti esterni oħra b'kontenut magħruf ta' S jistgħu jkunu kkalkolati minflok imkejla (meqjusa), u għandhom jittiesu (jittieħdu in konsiderazzjoni).

Kejljiet (Qisien) ta' emissjonijiet fl-ilma għandhom jittieħdu fuq kampjuni mhux filtrati u mhux qiegħda jew wara trattament fl-impjant jew wara trattament minn impjant pubbliku ta' trattament. Il-perjodu għall-kejljiet (qisien) għandu jkun ibbażat fuq il-produzzjoni matul 12-il xahar. Fil-każ ta' impjant ta' produzzjoni ġdid jew miġni mill-ġdid, il-kejljiet (qisien) għandhom ikunu bbażati għall-inqas fuq 45 jum sussegwenti ta' ħidma stabbli ta' l-impjant. Il-kejl (qies) għandu jkun rappreżentattiv tal-kampnja rispettiva.

- (b) **AOX:** L-emissjonijiet AOX mill-produzzjoni ta' kull polpa użata m'għandhom ikunu iktar minn 0,25 kg/ADT.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti rapporti ta' testijiet billi juża l-metodu ta' test li ġej: AOX ISO 9562 (1989). Id-dokumentazzjoni ta' sostenn għandha tinkludi indikazzjoni tal-frekwenza tal-kejl (qies).

## ▼B

AOX għandu jkun imkejjel biss fi proċessi fejn komposti tal-kloru jintużaw għall-bleaching (tibjid) tal-polpa. AOX m'għandux għalfejn ikun imkejjel (meqjus) fl-effluent minn produzzjoni ta' karta mhux integrata jew fl-effluent minn produzzjoni ta' polpa mingħajr bleaching jew fejn il-bleaching huwa magħmul b'sustanzi bla kloru.

Kejljiet (Qisien) għandhom jittieħdu fuq kampjuni mhux filtrati u mhux qiegħda jew wara trattament fl-impjant jew wara trattament b'impjant ta' trattament pubbliku. Il-perjodu għall-kejljiet (qisien) għandu jkun ibbażat fuq il-produzzjoni ta' matul 12-il xahar. Fil-każ ta' impjant ġdid jew impjant ta' produzzjoni mibni mill-ġdid, il-kejljiet (qisien) għandhom ikunu ibbażati fuq għall-inqas 45 jum sussegwenti ta' ħidma stabbli ta' l-impjant. Il-kejl (qies) għandu jkun rappreżentattiv għall-kampanja ripettiva.

- (c) **CO<sub>2</sub>**: L-emissjonijiet ta' dijossidu minn sorsi li ma jiġġeddux m'għandhomx ikunu ta' iktar minn 1 000 kg kull tunnellata metrika ta' karta prodotta, inklużi emissjonijiet mill-produzzjoni ta' elettriċità (kemm fil-post kemm barra l-post). Għal fabbriki mhux integrati (fejn il-polpi kollha użati huma polpi tas-suq mixtrija) l-emissjonijiet m'għandhomx ikunu ta' iktar minn 1 100 kg kull tunnellata metrika. L-emissjonijiet għandhom ikunu kkalkolati bħala s-somma ta' l-emissjonijiet mill-produzzjoni ta' polpa u karta.

Stima u verifikazzjoni: L-applikant għandu jagħti kalkoli dettaljati li juru konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn konnessa.

L-applikant għandu jagħti data ta' l-emissjonijiet fl-arja tad-dijossidu karboniku. Dan għandu jinkludi s-sorsi kollha ta' karburanti li ma jiġġeddux matul il-produzzjoni ta' polpa u karta, inklużi l-emissjonijiet mill-produzzjoni ta' elettriċità (kemm fuq il-post kemm barra l-post).

Il-fatturi ta' emissjonijiet li ġejjin għandhom jintużaw fil-kalkolu ta' l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn karburanti:

Faħam	CO <sub>2</sub> , emissjoni fossili	Unità
KK Karburant	95	g CO <sub>2</sub> , fossili/MJ
Żejt mhux maħdum (krud)	73	g CO <sub>2</sub> , fossili/MJ
Żejt għal fuel 1	74	g CO <sub>2</sub> , fossili/MJ
Żejt tal-fuel 2 5	77	g CO <sub>2</sub> , fossili/MJ
LPG	69	g CO <sub>2</sub> , fossili/MJ
Gass naturali	56	g CO <sub>2</sub> , fossili/MJ
Grid electricity	400	g CO <sub>2</sub> , fossili/KWh

Għal grid electricity, il-valur imsemmi fit-tabella hawn iktar 'il fuq (il-medja Ewropea) għandu jintuża sakemm l-applikant ma jippreżentax dokumentazzjoni li tistabbilixxi valur medju għall-fornitur(i) tiegħu ta' elettriċità, f'liema każ l-applikant jista' juża dan il-valur minflok il-valur imsemmi fit-tabella.

Il-perjodu għall-kalkoli jew bilanċi tal-massa għandhom ikunu bbażati fuq il-produzzjoni ta' matul 12-il xahar. Fil-każ ta' impjant ġdid jew mibni mill-ġdid, il-kalkoli għandhom ikunu bbażati fuq għall-inqas 45 jum sussegwenti ta' ħidma stabbli ta' l-impjant. Il-kalkoli għandhom ikunu rappreżentattivi għall-kampanja rispettiva.

## 2. Użu ta' enerġija

- (a) Elettricità: Il-konsum ta' elettriċità konnessa mal-produzzjoni ta' polpa u karta għandha tkun espressa f'termini ta' punti (PE) kif dettaljat hawn iktar 'l isfel.

In-numru ta' punti, PE, għandu jkun inqas minn jew ugwali għal 1,5.

Il-kalkolu ta' PE għandu jsir kif ġej

Kalkolu għal produzzjoni ta' polpa: Għal kull polpa i wżata, il-konsum ta' elettriċità konness (Epolpa, i espressa f'kWh/ADT) għandu jkun

## ▼B

ikkalkolat:

$$\text{Epolpa, i} = \text{Elettriċità prodotta internament} + \text{elettriċità} - \text{elettriċità minbjugħa}$$

Dan il-valur għandu jkun diviż bil-valur ta' referenza għal dak it-tip ta' polpa (Ereferenza, polpa) mogħti fit-tabella hawn taħt iktar 'l isfel. Dawn il-kwożjenti għandhom ikunu peżati skond il-proporzjoni ta' kull polpa użata (pi fir-rigward ta' karta mniddija) u magħduda flimkien biex jagħtu n-numru ta' punti għall-konsum ta' elettriċità wżata fil-produzzjoni ta' polpa (PE, polpa). Għalhekk:

$$E, \text{ polpa} = (p_i \times \text{Epolpa, i} / \text{Ereferenza, polpa})$$

Kalkolu għal produzzjoni ta' karta B'mod simili, il-konsum ta' elettriċità konness mal-produzzjoni ta' karta (Ekarta) għandu jkun ikkalkolat bil-valur ta' referenza għal dak it-tip ta' karta (Ereferenza, karta) mogħti fit-tabella hawn iktar 'l isfel,:

$$\text{Epaper} = \text{Elettriċità prodotta internament} + \text{elettriċità} - \text{elettriċità mibjugħa}$$

$$\text{PE, karta} = \text{Ekarta} / \text{Ereferenza, karta}$$

Kalkolu komplessiv ta' punti PE: Valur ta' referenza peżata komplessiv għal polpa (referenza Epeżata, polpa), għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

$$\text{referenza Epeżata, polpa} = (p_i \text{ Ereferenza, polpa})$$

Fl-aħħar, il-punti għal produzzjoni ta' polpa u karta għandhom jingħaqdu biex jagħtu n-numru komplessiv ta' punti (PE) kif ġej:

$$E = \text{PE, polpa referenza Epeżata, polpa} / (\text{Epeżat referenza, polpa} + \text{Ereferenza, karta}) + \text{PE, karta Ereferenza, karta} / (\text{Epeżat referenza, polpa} + \text{Ereferenza, karta})$$

- (b) Karburanti (sħana): Il-konsum ta' karburanti konnessi mal-produzzjoni ta' polpa u karta għandu jkun espress f'termini ta' punti (PF) kif dettaljat hawn iktar 'l isfel.

In-numru ta' punti, PF, għandu jkun inqas minn jew ugwali għal 1,5.

Il-kalkolu ta' PF għandu jsir kif ġej.

Kalkolu għal produzzjoni ta' polpa: Għal kull polpa i użata, il-konsum ta' karburanti konness (Fpolpa, i espressa f'kWh/ADT) għandu jkun ikkalkolat:

$$\text{Fpolpa, i} = \text{karburanti prodotti internament} + \text{karburanti mixtrija} - \text{karburanti mibjugħa} - 1,25 \times \text{elettriċità prodotta internament}$$

*Nota:* Fpolpa, i (u l-kontribuzzjoni tiegħu għal PF, polpa) m'għandux għalfejn ikun ikun ikkalkolat għal polpa mekkanika ħlief jekk hija polpa mekkanika fis-suq imnixxa bl-arja li fiha għall-inqas 90 % materja niexfa.

Fpolpa, i għandu jkun diviż bil-valur ta' referenza għat-tip rispettiv ta' polpa (Ereferenza, polpa) mogħti fit-tabella hawn iktar 'l isfel. Dawn il-kwożjenti għandhom ikunu peżati skond il-proporzjon ta' kull polpa użata (pi fir-rigward ta' polpa mniddija) u magħduda flimkien biex jagħtu n-numru ta' punti għall-karburanti fil-produzzjoni tal-polpa (PF, polpa). Għalhekk:

$$P_{f \text{ karta}} = \acute{O} (p_i \times F_{\text{karta, i}} / F_{\text{referenza, karta}})$$

Kalkolu għal produzzjoni ta' karta: B'mod simili il-konsum ta' karburanti konness mal-produzzjoni ta' karta (Fkarta, espress f'kWh/ADT), għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

$$\text{Fkarta} = \text{Karburanti prodotti internament} + \text{karburanti mixtrija} - \text{karburanti mibjugħa} - 1,25 \times \text{elettriċità prodotta internament}$$

$$\text{PF, karta} = \text{Fkarta} / \text{Ereferenza, karta}$$

## ▼B

Kalkolu kompressiv ta' punti PF: Valur ta' referenza peżat kompressiv għal polpa (Freferenza peżata, polpa), għandu jkun ikkalkolat:

$$\text{Freferenza peżata, polpa} / (\text{Freferenza, polpa})$$

Fl-aħħar, il-punti għal produzzjoni ta' polpa u karta għandhom jingħaqdu biex jagħtu n-numru kompressiv ta' punti (PF) kif ġej:

$$\text{PF} = \text{PF, polpa} \times \text{Freferenza peżata, polpa} / (\text{Freferenza peżata, polpa} + \text{Freferenza, karta}) + \text{PF, karta} \times \text{Freferenza, karta} / (\text{Freferenza peżata, polpa} + \text{Freferenza, karta})$$

Tabella ta' valuri ta' referenza għal elettriċità u karburanti

Grad ta' polpa	Karburanti kWh/ADT Referenza	Elettricità kWh/ADT Referenza
Polpa kimika	4 000 (Nota: għal polpa tas-suq imnixxa bl-arja li fiha għall-inqas 90 % materja niexxa (admp), dan il-valur jista' jogħla fil-grad b'25 % għat-tnixxif)	800
Polpa mekkanika	900 (Nota: dan il-valur ikun applikabbli biss għal admp)	2 500
Polpa ta' fibra rriċiklata	1 800 (Nota: għal admp, dan il-valur jista' jogħla fil-grad b'25 % għat-tnixxif)	800
Grad ta' karta	Karburanti kWh/	Elettricità kWh/
Karta fina bla njam mhux miksija Karta għal perjodiċi (SC)	1 800	600
Miksija Karta fina bla njam Karta miksija għal perjodiċi (LWC, MWC)	1 800	800

*Stima u verifikazzjoni* (kemm għal (a) u kemm għal (b): L-applikant għandu jagħti kalkoli dettaljati li juru konformità ma' dan il-kriterju, flimkien mad- dokumentazzjoni ta' sostenn kollha konnessi. Id-dettalji rrapportati għandhom għalhekk jinkludu l-konsum totali ta' elettriċità u karburanti.

L-applikant għandu jikkalkola l-inputs kollha ta' enerġija, diviżi fi sħana/-karburanti u elettriċità użati matul il-produzzjoni ta' polpa u karta, inkluża l-enerġija wżata fit-tneħħija tal-linka fi skart ta' karti għall-produzzjoni ta' karta rriċiklata. Enerġija użata fit-trasport ta' materji primi, kif ukoll konverżjoni u ppakkjar, mhix inkluża fil-kalkoli tal-konsum ta' enerġija.

L-enerġija totali ta' sħana tinkludi l-karburanti kollha mixtrija. Tinkludi wkoll l-enerġija ta' sħana rkuprata minn *liquors* (likwidi, likuri) u skartijiet incinerattivi minn proċessi fuq il-post (e.g. skart ta' l-injam, serratura, liquors (likwidi, likuri) skart tal-karta, taqtigħ ta' karta), kif ukoll sħana rkuprata mill-ġenerazzjoni interna ta' elettriċità - b'danakollu, l-applikant jeħtieġ biss jgħodd 80 % ta' l-enerġija ta' sħana minn sorsi bħal dawn (tali) meta jikkalkola l-enerġija totali ta' sħana.

Enerġija elettrika tfisser elettriċità importata netta ġejja minn grid u ġenerazzjoni interna ta' qawwa elettrika. Elettricità użata għal trattament ta' skart ta' ilma m'hemmx għalfejn tkun inkluża.

Fejn fwar huwa ġġenerat b'użu ta' elettriċità bħala sors ta' sħana, il-valur ta' sħana tal-fwar għandu jkun ikkalkolat, imbagħad diviż b'0,8 u miżjud mat-total ta' konsum.



## ▼B

3. *Fibri - immaneġġjar sostenibbli ta' foresti*

Fibri jistgħu jkunu fibri ta' l-injam, jew fibri rriċiklati minn karta rkuprata, jew fibri oħra ta' ċelluloża. Fibri minn karti mqatta' minn fabbriki tal-karti m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala fibri rriċiklati.

Għall-inqas 10 % ta' fibri ta' njam verġni minn foresti għandu jiġi minn foresti li huma ċertifikati bħala li humma mmanegġjati biex jimplementaw il-prinċipji u l-miżuri mmirati biex jiżguraw immaneġġjar sostenibbli ta' foresti.

Il-fibri ta' njam verġni minn foresti li jibqa' għandhom jiġu minn foresti li huma mmanegġjati biex jimplementaw il-prinċipji u l-miżuri mmirati biex jiżguraw l-immaneġġjar sostenibbli ta' foresti.

L-orġini tal-fibri verġni kollha użati għandu jkun indikat.

Fl-Ewropa, il-prinċipji u l-miżuri li hemm referenza għalihom hawn iktar 'il fuq għandhom għall-inqas jikkorrispondu ma' dawk tal-Linji ta' Gwida Pan-Ewropej dwar Livell ta' Ffidma għal Immaneġġjar Sostenibbli ta' Foresti, kif approvati mill-Konferenza Ministerjali ta' Lisbona dwar il-Protezzjoni ta' Foresti fl-Ewropa (2 sa 4 ta' Ġunju 1998). Barra l-Ewropa huma għandhom għall-inqas jikkorrispondu mal-Prinċipji dwar Foresti ta' l-UNCED (*Rio de Janeiro*, Ġunju 1992) u, fejn applikabbli, mal-kriterji jew linji ta' gwida għall-immaneġġjar sostenibbli ta' foresti kif addottati taħt l-inizzjattivi internazzjonali u reġjonali (ITTO, Proċess ta' *Montreal*, Proċess ta' Tarapoto, Inizzjattiva ta' UNEP/FAO Żona Niexfa ta' l-Afrika).

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jindika t-tipi, kwantitajiet u orġini taa' fibri użati fil-produzzjoni tal-polpa u tal-karta. L-orġini ta' fibri verġni għandha tkun indikata bi preċiżjoni suffiċjenti li tippermetti, fejn xieraq, li jsiru kontrolli li l-fibri verġni huma foresti mmanegġjati b'mod sostenibbli. Fejn jintużaw fibri verġni minn foresti, l-applikant għandu jagħti ċertifikat(i) xierqa flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn li turi li l-iskema ta' ċertifikazzjoni tistma b'mod korrett il-prinċipji u miżuri ta' mmanegġjar sostenibbli ta' foresti msemmi hawn iktar 'il fuq. Għal dawk il-fibri verġni ta' l-injam minn foresti li mhumiex iċċertifikati bħala li ġejjin minn foresti mmanegġjati b'mod sostenibbli, l-applikant għandu jagħti d-dikjarazzjonijiet xierqa, karta (*charter*), kodiċi ta' kondotta jew sqarrija, li jivverifikazzjonijiet li r-rekwiżiti ta' hawn iktar 'il fuq huma sodisfatti.

4. *Susutanzji kimiċi perikolużi*

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jforni list ta' prodotti kimiċi użati fil-produzzjoni ta' polpa u karta, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa (bħal MSDSs). Din il-lista għandha tinkludi l-kwantità, funzjoni u fornituri tal-kimiċi kollha tal-proċess użati.

- (a) **Kloru:** Gass tal-kloru m'għandux jintuża b'zala aġent ta' *bleaching*. Dan ir-rekwiżit m'għandux japplika għall-gass tal-kloru konness mal-produzzjoni u l-użu tad-diossidu tal-kloru.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni mill-produttur(i) tal-polpa li gass tal-kloru ma ntużax bħala aġent ta' *bleaching*. Nota: filwaqt li dan ir-rekwiżit japplika wkoll għall-*bleaching* ta' fibri rriċiklati, huwa aċċettat li l-fibri fiċ-ċiklu preċedenti ta' ħajjithom setgħu kienu *bleached* bil-gass tal-kloru.

- (b) **APEOs:** *Alkylphenol ethoxylates* jew derivattivi oħra ta' *alkylphenol* m'għandhomx jiżdiedu kimiċi ta' tindif, kimiċi li jneħħu l-linka, aġenti li jimpedixxu r-ragħwa, dispersanti jew kisi (kisjiet). Derivattivi ta' l-*alkylphenol* huma ddefiniti bħala sustanzi li wara degradazzjoni jipproduċu l-*alkyl phenols*.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni(jiet) mill-fornitur(i) tal-kimika tagħhom li *alkylphenol ethoxylates* jew derivattivi oħra ta' l-*alkylphenol* ma żdiedux ma' dawn il-prodotti.

- (ċ) **Monomeri residwi:** Il-kwantità totali ta' monomeri residwi (eskluż *acrylamide*) li huma assenjati jew jistgħu jkunu assenjati xi waħda mill-frazzjonijiet ta' riskju li ġejjin (jew għaqdiet, taħlitiet tagħhom):

R45 (jista' jikkawża kanċer (kankru))

R46 (jista' jikkawża ħsara ġenetika li tintiret)

R49 (jista' jikkawża kanċer (kankru) bin- (permezz tan-) nifs)

R50/53 (tossiku ħafna għal organiżmi akkwatiċi u jista' jikkawża fit-tul effetti avversi fl-ambjent akkwatiku)

## ▼B

R51/53 (tossiku għal organiżmi akwatiċi u jista' jikkawża fit-tul effetti avversi fl-ambjent akkwatiku)

R52/53 (ta' ħsara għal organiżmi akwatiċi u jista' jikkawża fit-tul effetti avversi fl-ambjent akkwatiku)

R60 (jista' jħassar (ixellef, jagħmel ħsara) lill-fertilità)

R61 (jista' jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf)

kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regoli u disposizzjonijiet amministrattivi konnessi mal-klassifika, ippakkjar u ttikkettjar ta' sustanzi perikolużi <sup>(1)</sup> u l-emendi sussegwenti tagħha, f'kisi, *retention aids*, fursetti (strengtheners), sustanzi li jbarru l-ilma jew kimiċi użati fi trattament intern jew estern ta' l-ilma m'għandhomx ikunu ta' iktar minn 100 ppm (ikkalkolat fuq il-bażi tal-kontenut solidu tagħhom).

*Acrylamide* m'għandux ikun preżenti f'kisi, *retention aids*, fursetti (strengtheners), sustanzi li jbarru l-ilma jew kimiċi użati fi trattament intern jew estern ta' l-ilma f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 1 000 ppm (ikkalkolat fuq il-bażi tal-kontenut solidu tagħhom).

Il-korp kompetenti jista' jeżenta lill-applikant minn dawn ir-rekwiżiti in konnessjoni ma' kimiċi użati fi trattament intern jew estern ta' l-ilma.

*Stima u verifikazzjoni*: L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa (bħala MSDSs).

(d) **Surfactants fil-formuli għat-tneħħija tal-linka għal fibri mregġġhin**

**lura**: Fejn *surfactants* jintużaw fi kwantitajiet ta' lanqas ta' 100 g/ADT (magħduda fuq is-*surfactants* kollha użati fil-formuli differenti kollha użati għat-tneħħija tal-linka fil-fibri mregġġhin lura), kull *surfactant* għandu jkun bijodegradabbli fil-pront. Fejn *surfactants* jintużaw fi kwantitajiet ta' inqas minn 100 g/ADT, kull *surfactant* għandu jkun jew bijodegradabbli fil-pront jew bijodegradabbli fl-aħħarnett (aħħarija) (ara metodu ta' test u livelli ta' pass hawn iktar 'l isfel).

*Stima u verifikazzjoni*: L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju flimkien mal-folji bid-data dwar is-sigurtà tal-materjal rilevanti jew rapporti ta' testijiet għal kull *surfactant* li għandhom juru l-metodu ta' test, il-limitu u konklużjoni ddikjarati, billi jintuża wieħed mill-metodi ta' testijiet u livelli ta' pass li ġejjin: għal bijodegradabilità fil-pront OECD 301 A-F (jew standards ISO ekwivalenti), b'perċentwal ta' degradazzjoni fi 28 jum ta' għall-inqas 70 % għal 301 A u E, u ta' għall-inqas 60 % għal 301 B, C, D u F; għal bijodegradabilità fl-aħħarnett (aħħarija) OECD 302 A-C (jew standards ISO ekwivalenti), b'perċentwal ta' degradazzjoni (inkluż assorbiment) fi 28 jum ta' għall-inqas 70 % għal 302 A u B, u ta' għall-inqas 60 % għal 302 C.

(e) **Bijoċidi**: Il-komponenti attivi f'bijoċidi jew aġenti bijostatiċi użati biex jopponu organiżmi li jiffurmaw tajn (lgħab) f'sistemi ta' ċirkolazzjoni ta' l-ilma li fihom fibri m'għandhomx ikunu potenzjalment bijo-kumulattivi.

*Stima u verifikazzjoni*: L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju flimkien mal-folji bid-data dwar is-sigurtà tal-materjal rilevanti jew rapporti ta' testijiet li għandhom juru l-metodu ta' test, limitu u konklużjoni ddikjarati, billi jintużaw il-metodi ta' testijiet li ġejjin: OECD 107, 117 jew 305 A-E.

(f) **Kuluri azo**: Ebda kuluri *azo* m'għandhom jintużaw li jistgħu jaqdbu ma' xi ammini aromatiċi li ġejjin:

4-aminobifenill	(92-67-1)
<i>benzidine</i>	(92-87-5)
4- <i>chloro-o-toluidine</i>	(95-69-2)
2- <i>naphthylamine</i>	(91-59-8)
<i>o-aminoazotoluene</i>	(97-56-3)
2- <i>amino-4 -nitrotoluene</i>	(99-55-8)

<sup>(1)</sup> ĠU C 196, tas-16.8.1967, pġ. 1.

## ▼B

<i>4-chloroaniline</i>	(106-47-8)
<i>2,4-diaminoanisol</i>	(615-05-4)
<i>4,4_-diaminodiphenylmethane</i>	(101-77-9)
<i>3,3_-dichlorobenzidine</i>	(91-94-1)
<i>3,3_-dimethoxybenzidine</i>	(119-90-4)
<i>3,3_-dimethylbenzidine</i>	(119-93-7)
<i>3,3_-dimethyl-4,4_-diaminodiphenylmethane</i>	(838-88-0)
<i>p-cresidine</i>	(120-71-8)
<i>4,4_-methylene-bis-(2-chloroaniline)</i>	(101-14-4)
<i>4,4_-oxydianiline</i>	(101-80-4)
<i>4,4_-thiodianiline</i>	(139-65-1)
<i>o-toluidine</i>	(95-53-4)
<i>2,4-diaminotoluene</i>	(95-80-7)
<i>2,4,5-trimethylaniline</i>	(137-17-7)
<i>o-anisidine</i>	(90-04-0)
<i>4-aminoazobenzene</i>	(60-09-3)

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

- (g) **Materjali (Sustanzi) għal kuluri:** Ebda formula kummerċjali ta' kuluri m'għandha tintuża fuq polpa jew karta li hija assenjata jew tista' tkun assenjata fil-ħin ta' l-applikazzjoni xi waħda mill-frazzjiet ta' riskju li ġejjin (jew għaqdiet, taħlitiet tagħhom):

R50 (tossiċi ħafna għal organiżmi akwatiċi),

R51 (tossiċi għal organiżmi akwatiċi),

R52 (ta' ħsara għal organiżmi akwatiċi),

R53 (jistgħu jikawżaw effetti avversi fit-tul fl-ambjent akwaticu),

skond id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regoli u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri konnessi mal-klassifika, ippakkjar u ttikkettjar ta' preparazzjonijiet perikolużi <sup>(1)</sup>, u l-emendi sussegwenti.

Ebda formula kummerċjali ta' kuluri m'għandha tintuża fuq kemm polpa kemm karta li fiha iktar minn total ta' 2 % bil-piż ta' sustanzi li huma assenjati jew jistgħu jkunu assenjati fil-ħin ta' l-applikazzjoni xi waħda mill-frazzjiet ta' riskju ta' hawn iktar 'il fuq (jew għaqdiet, taħlitiet tagħhom) skond id-Direttiva 67/548/KEE u l-emendi sussegwenti tagħhom.

Dan il-kriterju ma japplikax għal formuli fejn il-klassifika hija biss dovuta għall-preżenza ta' komponent(i) bi grad ta' *fixation* ta' mill-inqas ta' 98 %. Il-grad ta' *fixation* jittieħed bħala t-total ta' retenzjoni ta' kuluri fil-fibri fil-proċess.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa bħall-Folji bid-Data dwar Sigurtà tal-Materjal rilevanti.

- (h) **Materjali ta' kumpless ta' metall ta' kuluri jew pigments:** Kuluri jew *pigments* li huma bbażati fuq ċomb, ram, kromju, nikel jew aluminju m'għandhomx jintużaw. Kuluri jew *pigments* ta' *phthalocyanine* tar-ram jistgħu, b'danakollu, jintużaw.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni ta' konformità.

- (i) **Impuritajiet joniċi f'materjal ta' kuluri:** Il-livelli ta' impuritajiet joniċi fil-materjal ta' kuluri użati m'għandhomx ikunu iktar minn li ġejj: Ag 100 ppm; As 50 ppm; Ba 100 ppm; Cd 20 ppm; Co 500 ppm; Cr 100 ppm;

<sup>(1)</sup> ĠU L 200, tal-31.05.99, pġ. 1.

**▼B**

Cu 250 ppm; Fe 2 500 ppm; Hg 4 ppm; Mn 1 000 ppm; Ni 200 ppm; Pb 100 ppm; Se 20 ppm; Sb 50 ppm; Sn 250 ppm; Zn 1 500 ppm.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti dikjarazzjoni ta' konformità.

**5. Immaneġġjar ta' skart I**

Il-postijiet kollha ta' produzzjoni ta' polpa u karta għandu jkollhom sistema għall-kontroll ta' skart (kif iddefinit mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti tal-postijiet ta' produzzjoni ta' polpa u karta in kwestjoni) u prodotti residwi kkawżati mill-produzzjoni tal-prodott ta' l-eko-tikketta. Is-sistema għandha tkun iddokumentata jew spjegata fl-applikazzjoni u għandha tinkludi informazzjoni għall-inqas dwar il-punti li ġejjin:

- proċeduri għal separazzjoni u użu ta' materjali rriċiklati mill-kurrent ta' skart,
- proċeduri għal rikupru ta' materjali għal użijiet oħra, bħal inċinerazzjoni biex tiġġenera fwar jew sħana għall-proċess, jew użu agrikolu,
- proċeduri għall-kontroll ta' skart perikoluż (kif iddefinit mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti tal-postijiet ta' produzzjoni ta' polpa u karta in kwestjoni).

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti deskrizzjoni ta' l-immaneġġjar ta' skart għall-postijiet ikkonċernati u dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

**6. Iffittjar għal użu**

Il-prodott għandu jkun tajjeb għall-użu.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti dokumentazzjoni xierqa u/jew riżultati ta' testijiet.

**7. Informazzjoni dwar l-ippakkjar**

Il-prodott għandu jgħib it-test li ġej (jew test ekwivalenti) dwar ippakkjar primarju u sekondarju: “Dan il-prodott jikkwalifika għall-Fjura għax jissodisfa r-rekwiżiti li, fost oħrajn, jillimitaw emissjonijiet fl-ilma (COD, AOX), fl-arja (S, NOX, CO<sub>2</sub>), u jillimita l-użu ta' enerġija, karburanti fossili u sustanzi perikolużi.” “Għal iktar informazzjoni dwar il-Fjura, jekk jogħġbok żur il-web-site: <http://europa.eu.int/ecolabel>” “Jekk jogħġbok iġbor karta użata għal irriċiklar”. Barra dan, il-manifattur jista' wkoll jagħti dikjarazzjoni li tindika l-perċentwal minimu tal-fibri rriċiklati.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti kampjun ta' l-ippakkjar tal-prodott u ta' l-informazzjoni fornita mal-prodott, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

**8. Informazzjoni li tūdher fuq l-eko-tikketta**

Il-kaxxa 2 ta' l-eko-tikketta għandha jkollha t-test li ġej:

“tniġġis baxx ta' arja u ilma użu  
baxx ta' enerġija  
sustanzi ta' ħsara ristretti”.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jagħti kampjun ta' l-ippakkjar tal-prodott li juri t-tikketta, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.